MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1052/1995/1

**Norman Spiteri, f' ismu proprju u martu Mireille Spiteri, u l-istess Norman Spiteri bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Junior Investments Ltd., ghal kull interess li jista' jkollha**

**Vs**

**Francis Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-26 ta' Lulju 1995 li bih l-attur *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur *proprio et nomine* qabbdu lill-konvenut jaghmel xoghol ta' restawr ta' bini fi proprjeta` li huma xtraw f' Attard; u

Premess illi l-konvenut accetta l-appalt, kif ukoll illi dak illi kellu jaghmel kellu jaghmlu b’ rispett assolut ghall-fattispeci tal-karatteristici tad-dar in kwistjoni, u skond l-istruzzjonijiet precizi ta’ l-atturi *pro et noe*; u

Premess illi l-konvenut, apparti s-solitu fatt illi kien jigi u wara ftit jisparixxi minn fuq ix-xoghol, naqas milli jesegwixxi l-obbligi tieghu skond l-istruzzjonijiet specifici ta’ l-attur *pro et noe*; u

Premess illi l-atturi *pro et noe* kellu jqabbad terzi sabiex jissostitwixxu x-xoghol li kien ghamel il-konvenut, oltre illi jitterminaw ix-xoghlijiet kollha; u

Premess illi bhala rizultat tan-nuqqas da parti tal-konvenut illi jesegwixxi x-xoghlijiet skond is-sengha u l-arti u skond il-ftehim, l-atturi *pro et noe* sofrew danni;

Premess illi ghalkemm interpellat jersaq ghal-likwidazzjoni u ghall-hlas tad-danni permezz ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ Ottubru 1994, il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi *proprio et nomine* lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi *pro et noe* naxxenti min-nuqqas tieghu illi jesegwixxi l-obbligi tieghu skond is-sengha u l-arti u skond il-ftehim, kif ukoll naxxenti minn dewmien ingustifikat;

2. Tillikwida d-danni sofferti, okkerrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-4 ta’ Ottubru, 1994;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut intavolata fl-20 ta' Ottubru, 1995, li permezz taghha eccepixxa:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-appalt gie esegwit skond id-dettami tas-sengha u l-arti;

Illi l-eccipjent kellu jipprocedi b' kawza kontra l-attur biex jithallas il-bilanc lilu dovut mill-istess xoghol;

Illi l-allegazzjoni, li x-xoghol ma giex esegwit skond s-sengha u l-arti, qatt ma saret fil-kors tax-xoghlijiet; u qed issir illum proprju ghaliex l-eccipjent ipproceda anke b' mandati kawtelatorji biex jithallas;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-31 ta' Mejju 1996 li permezz tieghu gie nominat bhala espert gudizzjarju AIC Michael A. Refalo sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz; kif ukoll dak tat-13 ta' Gunju 1997 li bih gie sostitwit l-imsemmi perit fl-inkarigu lilu moghti bil-perit AIC David Pace u dan bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert nominat li tinsab a fol 65 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fis-seduta tat-18 ta' April, 2007;

Rat l-atti kollha tal-process, kif ukoll l-atti fil-kawza Citazzjoni numru 812/95 fl-ismijiet "Francis Fenech -vs- Norman Spiteri" li qed tigi deciza kontestwalment;

Ikkunsidrat:-

L-istanza prezenti hi wahda diretta ghar-reklam tad-danni li l-atturi jallegaw li sofrew in konnessjoni ma' xoghlijiet mhux skond l-arti u s-sengha ezegwiti mill-konvenut u ghad-dewmien ingustifikat fl-istess ezekuzzjoni;

Il-kwesjtoni hawn involuta gja giet ezaminata u kkummentata *funditus* fil-kawza fl-ismijiet "Francis Fenech -vs- Norman Spiteri" (Citazz. Nru. 812/95), kontestwalment deciza, u li ma' dik prezenti kienet miexja, kif evidenzjat mill-atti taz-zewg kawzi u mill-perizja;

Billi ma jidherx li hemm in-necessita li l-Qorti toqghod tirrepeti l-konsiderazzjonijiet taghha zvolti f' dik il-kawza l-ohra, qed taghmel referenza opportuna ghall-istess u taghmilhom jghoddu wkoll ghall-istanza prezenti.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet kollha ta' l-atturi, bl-ispejjez gudizzjarji a karigu ta' l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------